



Teħid ta' ġurament mill-Membri l-ġodda tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tas-16 ta' Settembru 2013

Waqt udjenza solenni li nżammet illum fil-Lussemburgu, f'ames Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'adu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tagħhom.

Fil-kuntest tat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali u sabiex jissostitwixxu lil Laurent Truchot, Vilenas Vadapalas, Santiago Soldevila Frago u Kevin O'Higgins, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri f'atru, permezz ta' deċiżjonijiet tas-26 ta' Ġunju u tal-24 ta' Lulju 2013, lil Egidijus Bieliūnas, Anthony Collins, Ignacio Ulloa Rubio u Stéphane Gervasoni bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2019.

Permezz ta' deċiżjonijiet tas-6 ta' Marzu, tas-26 ta' Ġunju u tal-24 ta' Lulju 2013, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ġedde, għal dan l-istess perijodu, il-mandati ta' Nicholas James Forwood, Alfred Dittrich, Ingrida Labucka, Miro Prek, Marijana Kancheva, Guido Berardis, Eugène Buttigieg, Carl Wetter u Vesna Tomljenović.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tar-riżenja ta' Josef Azizi, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri f'atru, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2013, lil Viktor Kreuschitz bħala Mħallf tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2016.

Egidijus Bieliūnas

Imwieled fl-1950; diploma fid-dritt mill-Università ta' Vilnjus (1973); dottorat fid-dritt (1978), assistent, lecturer u sussegwentement dekan fil-fakultà tad-dritt tal-Università ta' Vilnjus (1977-1992); konsulent fid-dipartiment legali tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja (1990-1992); konsulent fl-ambaxxata tal-Litwanja fil-Belġju (1992-1994); konsulent fl-ambaxxata tal-Litwanja fi Franza (1994-1996); Membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1996-1999); Imħallf fil-Qorti Suprema tal-Litwanja (1999-2011); dekan fit-taqsim tal-ġustizzja kriminali fi f'dan l-Università ta' Vilnjus (2003-2013); rappreżentant tar-Repubblika tal-Litwanja fil-Korp Konġunt ta' Sorveljanza tal-Eurojust (2004-2011); Imħallf fil-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (2011-2013); Imħallf fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.

Viktor Kreuschitz

Imwieled fl-1952; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Vjenna (1981); uffiċjal fid-dipartiment tal-affarijiet kostituzzjonali tal-Bundeskanzleramt (1981-1997); konsulent legali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea (1997-2013); Imħallf fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.

Anthony Michael Collins

Imwieled fl-1960; gradwat mit-Trinity College, Dublin (Xjenza legali) (1984) u mill-Honourable Society of the King's Inns, Dublin (Barrister-at-Law) (1986); ipprattika bħala Barrister-at-Law (1986-1990 & 1997-2003) u bħala Senior Counsel (2003-2013) mal-Bar tal-Irlanda; *référéndaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-1997); Direttur tal-Irish Centre for European Law

(1997-2000) u għadu membru tal-Bord tad-Diretturi tiegħu; Viċi President tal-Council of European National Youth Committees (1979-1981); Segretarju Ġenerali tal-Organising Bureau tal-European School Student Unions (1977-1984); Segretarju Ġenerali tal-Irish Union of School Students (1977-1979); Viċi President Internazzjonali tal-Union of Students in Ireland (1982-1983); Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Amicale des référendaires fil-Lussemburgu (1992-2000); Membru tad-Delegazzjoni Permanenti tal-Council of Bars and Law Societies of Europe (CCBE) għall-Qrati tal-UE u tal-EFTA (2006-2013); Imħallf mal-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.

Ignacio Ulloa Rubio

Imwieled fl-1967; digriet cum laude fil-liġi (1985-1990) u studji PhD (1990-1993) fl-Universidad Complutense, Madrid; prosekutur pubbliku ta' Gerona (2000-2003); konsulent għal affarijiet legali u tad-drittijiet tal-bniedem għall-Coalition Provisional Authority, Bagdad, l-Iraq (2003-2004); Imħallf tal-ewwel istanza fil-qasam taċ-ċivil u Mħallf tal-istruttorja (2003-2007) u sussegwentement Imħallf Anzjan, Gerona (2008); Assistent Kap ta' EUJUST LEX Integrated Rule of Law Mission for Iraq fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2005-2006); konsulent legali mal-Qorti Kostituzzjonali ta' Spanja (2006-2011 u 2013); Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà (2012-2013); espert ċivili fuq Rule of Law u Security Sector Reform fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2005-2011); espert estern fuq id-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja kriminali għall-Kummissjoni Ewropea (2011-2013); ta lectures u kiteb diversi pubblikazzjonijiet; Imħallf mal-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013

Stéphane Gervasoni

Imwieled fl-1967; diploma mill-Institut d'études politiques ta' Grenoble (1988) u mill-École nationale d'administration (1993); okkupa l-pożizzjoni ta' auditeur fil-Conseil d'État [Imħallf relatur fit-taqsima tal-kontenzjuż (1993-1997) u membru tat-taqsima soċjali (1996-1997)]; okkupa l-pożizzjoni ta' maître des requêtes fil-Conseil d'État (1996-2008); okkupa l-pożizzjoni ta' maître de conférences fl-Institut d'études politiques ta' Pariġi (1993-1995); Kummissarju tal-Gvern fi ħdan il-Commission spéciale de cassation des pensions (1994-1996); konsulent legali għall-Ministeru tas-Servizz pubbliku u għall-belt ta' Pariġi (1995-1997); Segretarju Ġenerali tal-kunsill tar-reġjun amministrattiv ta' Yonne, responsabbli għaż-żona ta' Auxerre (1997-1999); Segretarju Ġenerali tal-kunsill tar-reġjun amministrattiv ta' Savoie, responsabbli għaż-żona ta' Chambéry (1999-2001); référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2001-2005); membru titolari tal-Kummissjoni tal-Appelli tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) (2001-2005); Imħallf fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (2005-2011, President ta' awla mill-2008 sal-2011); okkupa l-pożizzjoni ta' conseiller d'État bħala assistent tal-President tat-tmien awla tat-taqsima tal-kontenzjuż (2011-2013); Membru tal-Kummissjoni tal-Appelli tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (2011-2013); Imħallf fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](http://Europe.by.Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106